Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR. JOSEPH CASSAR

Seduta tat-23 ta' Ottubru, 2002

Rikors Numru. 14/1996/1

**A.I.C. Joseph J. Xuereb ghas-socjeta' Gevimida Limited**

**vs**

**Joseph Mamo u Carmen Mamo (zieda awtorizzata ta' l-isem ta' Carmen Mamo b'digriet tat-3 ta' Mejju, 1996) u b'digriet tal-21 ta' Mejju, 2002 gie msejjah fil-kawza d-Direttur ghall-Akkomodazzjoni Socjali wara sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fis-27 ta' Ottubru, 2000**

Il-Bord,

Ra r-rikors ta' l-esponent

Illi l-intimat jikri minghand s-socjeta' rikorrenti l-fond No. 58 Block 'D', Marshall Court, Victory Street, Gzira bil-kera

ta’ Lm83 fis-sena jithallas kull sitt xhur bil-quddiem, l-ewwel skadenza 30 ta’ Gunju, 1996.

Illi kif jirrizulta ppruvat mid-dokumenti hawn annessi l-intimat hu morus fil-hlas tal-kera ghall-iskadenzi (sitta) mit-30 ta’ Gunju, 1993 sat-20 ta’ Dicembru, 1995.

Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett li dan il-Bord joghogbu jawtorizzah jirriprendi l-pussess tal-fond mikri lill-intimat, u li jigi iffissat terminu qasir u perentorju biex l-intimat jizgombra mill-istess skond il-ligi bl-ispejjes.

Ra r-risposta ta’ l-intimat Joseph Mamo (fol 15)

Illi l-kirja tal-fond 58 Block 3, Marshall Court, Victory Street, Gzira, tidhol fil-komunjoni ta’ l-akkwisti bejnu u martu Carmen Mamo. Konsegwentement in kwantu din il-kawza tirreferi ghal “jedd ta’ uzu u, jew tgawdija ta’ proprjeta’ immobbli” dan jikkostitwixxi att ta’ amministrazzjoni straordinarja u l-jedd li wiehed iharrek jew jigi mharrek imissu liz-zewg mizzewgin flimkien (Kod. Civ., art. 1322 (2) (3) (d)).

Fil-meritu ma jezistux l-estremi legali ghall-azzjoni intentata mill-attur nomine.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra r-risposta ta’ l-intimata Carmen Mamo (fol 21)

Illi l-esponenti qatt ma rceviet talbiet ghal hlas tal-kera u ghalhekk fil-konfront taghha it-talbiet tar-rikorrent huma nfondati.

Illi l-kera huwa kollu imhallas sa l-iskadenza prezenti li twassal sat-30 ta’ Dicembru, 1996.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra s-sentenza moghtija mill-Bord (diversament presedut) fit-28 ta’ Jannar, 1998.

Ra s-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (Appell Mill-Bord) fl-10 ta' Jannar, 2000 li kkonfermat dik is-sentenza.

Ra s-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell tas-27 ta' Ottubru, 2000 li hassret is-sentenza ta' qabilha u ordnat ir-ritrattazzjoni wara li ddecidiet

"li fil-kawza kellhom jitharrku bhala legittimi kontradittturi kemm l-inkwilin Joseph Mamo bhala l-persuna li dwarha hemm l-applikazzjoni dwar morozita' u li taghha qed jintalab l-izgumbrament mill-fond de quo, kif ukoll id-Direttur ghall-Akkomodazzjoni Socjali in vista tat-talba dwar ir-ripreza tal-fond".

Ir-ritrattazzjoni giet milqugha fuq is-sisien tas-subartikoli ( C) u (K) ta' l-artikolu 811 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Sema' x-xhieda bil-gurament.

Ra l-atti kollha.

Ra d-dokumenti esebiti

Ra n-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Ra l-verbal tas-17 ta' Mejju, 2002.

Ikkunsidra

1. <u>L-art 811 ( C) u 811 (K)</u>

( C) jekk wahda mill-partijiet fil-kawza ma tkunx persuna legittima, kemm-il darba ma tkunx giet moghtija u deciza l-eccezzjoni ta' l-illegittimita'.

(K) jekk wara s-sentenza, ilu instab dokument deciziv, u li l-parti hi ggibu ma kinitx taf bih, inkella, illi bil-mezzi lii taghti l-ligi ma setghetx iggibu, qabel dik is-sentenza.

2. Jirrizulta li fl-14 ta' Marzu, 1969 il-fond gie rikwizizzjonata u l-ordni tar-rekwizizzjoni ghada fis-sehh jirrizulta ukoll li s-socjeta' rikorrenti gharrfet lill-kerrej.

3. L-intimati in liena preliminari qed jghidu fin-nota ta' osservazzjonijiet taghhom li

"bis-sahha tal-ordni ta' rikwizizzjoni il-pussess tal-fond in kwistjoni jinsab vestit fid-Direttur ghall-Akkomodazzjoni Socjali u huma regolati mill-Housing Act, Konsegwentement il-proceduri quddiem dan il-Bord, ghar-ripreza tal-pussess minghand l-esponenti huma nulli u ineffettivi".

4. Il-Bord jifhem mir-referenzi ghall-gurisprudenza li sar mill-intimati, li dawn qed jghidu li l-Bord mhux kompetenti. L-Att 11 tal-1949 (Kap 125) tal-Ligijiet ta' Malta ha l-post tal-malta Defence Regulations (ara dibattitu ta' l-Assemplea Legislattiva 1948-1949, Vol.6 kif ukoll is-sentenza ta' l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili in re 'Borg vs Galea et, 07/02/46, Vol XXXIIC – pag 211).

5. Il-gurisprudenza dejjem ghallmet li meta hemm ordni ta' rekwizizzjoni s-sid jigi disposessat mill-fond, b'mod illi, minn mindu ssir u sakemm tibqa' fis-sehh ir-rekwizizzjoni, l-pussess tal-fond u d-disponibilita' ta' dak il-pussess ma hux aktar f'idejn is-sid izda f'idejn l-awtorita' rekwizizzjonanti (ara 'Cassar vs Zammit noe, App Civ. 29/05/59, Vol XLIII-1-238; 'Zahra vs Chircip et' App. Civ 08/02/60 Vol XLIV-1-42; 'Cauchi vs Sultana' 16/10/01, Bord li Jirregola l-Kera; u safejn applikabbli "Vella et vs Briffa et", App. 25/05/01).

6. Ghal xi zmien f'kaz li l-kerrej kelli jigi zgumbrat u fuq il-fond kien hemm fi-sehh ordni ta' rewizizzjoni l-Qorti kienet tordna s-sospensjoni tal-gudizzju sakemm tibqa' ssehh ir-rekwizizzjoni (ara "Cassar vs Zammit" fuq imsemmija) Guisprudenza aktar qrib fiz-zmien mxiet fit-triq tas-sentenza "Brown vs Abela" (App. 27/02/96, Vol LXXX-2-429), imsemmija fin-nota ta' osservazzjoni ta' l-intimati:

“Waqt li m’hemmx dispozizzjoni li espressament tiddikjara li l-Bord li Jirregola l-Kera inkompetenti li jiehu konjizzjoni ta’ talba ghar-ripreza ta’ fond rewizizzjonat, l-effetti tar-rekwizizzjoni jipprekludu lill-Bord milli biss jikkonsidra talba bhal dik u dan bhala konsegwenza tal-pussess vestit mill-ligi fl-Awtorita’; ghaliex ikun inutili u ozzjuz li l-Bord jippronunzja ruhu fuq it-talba meta din it-talba ma tistax a priori tigi milqugha ghax l-intimat, la m’ghandux pussess, ma jistax jigi zgumbrat. Il-fatt li r-rekwizizzjoni ta’ fond tkun ghada in vigore juri l-Bord li Jirregola l-Kera inkompetenti li jiehu konjizzjoni ta’ talba ghall-izgumbrament”.

7. Fid-decizjoni taghha tas-27 ta’ Ottubru, 2000 l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell ghamlitha cara li d-Direttur ta’ l-Akkomodazzjoni Socjali kellu jigi msejjah fil-kawza ghall-intergrita tal-gjudizzju. Dik il-Qorti ma kellhiex ghalfejn “tezamina l-implikazzjonijiet kollha legali li jikkostitwixxu b’effett ta’ ordni ta’ rekwizizzjoni”. Dawn gew ezaminati f’din is-sentenza: fosthom li l-intimat la m’ghandux pussess, ma jistax jigi zgumbrat.

Ghalhekk la l-intimat m’ghandux pussess il-Bord jilqa’ l-eccezzjoni ta’ l-intimat fuq imsemmija u jiddikjara ruhhu inkompetenti li jiehu konjizzjoni tat-talba; billi dawn il-proceduri ilhom sejrin u bit-tama li l-partijiet jilhqu xi ftehim ukoll bl-ghajnuna ta’ l-imsejjah fil-kawza, kull parti (is-socjeta’ rikorrenti, l-intimati, l-imsejjah fil-kawza) tbati l-ispejjez taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------